KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 86**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 6 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2024, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Ivan Cefai – Viċi Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 86.1 Talba

86.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 86.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

86.2 Il-Membri kienu kollha preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 86.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

86.3.1 L-Minuti numru 85 ġew ċirkulati qabel u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talab emenda f'punt numru 86.3 fejn talab li jiżdied li kien hu li propona li l-1K jingħata lil KFGM. Kien hemm qbil unaninimu u l-minuti kif ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv ġew approvati.

## 86.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

a. Is-Sindku qal li l-ħarġa għal Malta kienet ta' success. Il-postijiet li mornu kienu l-*petting farm*, u l-*crafts village* ta' Qala u wara marru Shoreline Shopping Complex ġewwa Smart City.

b. Hu tenna li dan l-aħħar qed jitrema skart f'diversi postijiet madwar il-Qala. Minħabba dan qed jinħela ħafna ħin jinġabar dan l-iskart. Fl-inħawi taċ-Ċawl intefgħu xi boroż li qegħdin perikoliżi biex jinġabru u għalhekk is-Sindku għaraf lil Ministeru fuqhom.

ċ. Is-Sindku ried jagħmilha ċara dwar l-iskart li intefa taċ-Ċawl fit-8 t'April. Hu qal li l-fatti huma li malli daħal ir-rapport hu stess mar fuq il-post bit-trakk tal-Kunsill biex jara x'hemm. Wara tkellem mas -Segretarju Eżekuttiv u qablu li dan jiġi rappurtat lil ERA – l-ERA kienu infurmawna li meta jkun hemm każ bħal dan ninfurmawhom u imbagħad huma jinvestigaw. Hekk sar u stennejna sakemm qalulna biex ninfurmaw lil *Public Cleansing* u hekk għamlet is-Segretarju Eżekuttiv. Hi bagħtitilhom tlett darbiet biex dan l-iskart jinġabar. Is-Sindku tenna li bħala Kunsill kien jaqblilha li niġbruh imma la kellna ċ-ċans li l-ERA jinvestigaw kien ta' min jinformahom. Hu indirizza lill-kunsilliera Valerie Cassar Meilak fejn qalha li fl-ebda ħin ma nġabar l-iskart bi preferenzi. Tennilha li huwa tal-mistħija li tikteb fuq il-*Facebook* kontra l-kunsill stess qabel ma tiċċekkja x'inhuma l-fatti. Il-fatt hu li l-iskart li kien hemm fuq it-trakk nġabar mill-kampanja – zkuk tas-siġar u skart ieħor li kellna l-kunsill li riedna neħilsu minnu. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak fakkret lis-Sindku li ftit tal-ġranet ilu kien fuq it-televiżjoni jgħid illi kemm hu sew li għandu t-trukk tal-Kunsill biex jiġbor iż-żibel mill-ewwel, pero' hi qalet li dan kien persuna li ma għandux vot il-Qala u għalhekk ma kienx importanti. Kompliet id-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

diskussjoni bejn is-Sindku u l-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra bid-dati ta' meta sar ir-rapport lil ERA kif ukoll meta l-kunsill irċieva korrispendenza dwar dan.

d. Fuq ir-rigward taz-Zebra Crossing is -Sindku qal li tlabna lil Transport Malta ħallli jagħtuna parir. Apparti minn hekk is-Segretarju Eżekuttiv ġabet ukoll pariri mingħand l-avukat. Issa se noqgħodu fuq il-pariri li tana l-avukat fuq rigward ta' din il-kwistjoni u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tati update. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li ilu ħames snin iressaq din it-talba, u ssemmiet f'kull laqgħa. Għalhekk issa fl-aħħar laqgħa tal-kunsill ma tantx jista jsir xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kamra li kienet iltaqat fuq il-post flimkien mas-Sindku u mal-persuna li qed joġġezzjona li jsir il-pole quddiem ir-residenza tiegħu u dan la jrida li tiġi fil-post kif indikat illum u lanqas aktar l-isfel. Sempliċiment ma jridix quddiem il-propjeta tiegħu. L-Avukat infurmana li hija deċiżjoni tal-Kunsill fejn issir iż-Żebra Crossing u għalhekk tista ssir fejn qalulna TM. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li l-Kunsill kull ma qed jitlob hu li ssir fil-post indikat u approvat minn Transport Malta. Kien hemm qbil unanimu sabiex issir fejn u kif approvat TM.

e. Is-Sindku nforma lill-kamra li qed issir il-*patching* bit-tarmac f'diversi postijiet fil-Qala. Il-*patching* bit-tarmac f'diversi postijiet fil-Qala. Il-*patching* beda fi Triq il-Wardija u tkompla fi Triq Fortin ta' Sant Antnin.

f. Is-siġar u l-arbuxelli kollha li għandna fil-Qala qed jissaqqew kull ġimgħa.

ġ. Sar l-ewwel *interview* tal-i*School Grannies,* fejn kellna applikanta waħda. Il-mara li ġiet hija Ingliża. Hi tidher li hija persuna idejali. Issa jridu nistennew mid-dipartiment jekk ġietx aċċettata.

g. Intqal li minn naħa tal-WSC ingħatajna l-*go ahead* biex nagħtu l-aħħar kisja tarmak fi Triq 28 t'April 1688. Fl-istess waqt se tingħata t-tieni kisja tarmak fi Triq Papa Piju XII. Hu fakkar li t-tieni kisja ta' tarmak damet ma saret għaliex il-WSC kienu qed jagħmlu *leeakage test* kull ħmistax. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk hux se ssir ukoll Triq il-Wardija li ilha 5 snin tistenna. Is-Sindku qal li l-ewwel irid isir id-dranaġġ. Il-Kunsillier Buttigieg staqsa jekk ix-xogħol ta' kisi ta' Triq Papa Piu u Triq 28ta' April hux se jsirumill-istess kuntrattur minħabba li l-ewwel kisja kienet ingħatat minn kuntratturi differenti. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

għ. Is-Sindku qal li Triq it-Tempju ingħatar iċ-cement minflok tarmac. Dan għaliex kellha diversi problemi ta' livelli u r-romblu ma kienx ikun jista jwitti tajjeb kif mixtieq minħabba li riedu jsiru ċertu kurvaturi li setgħu biss isiru bis-cement. Din it-triq ġiet finanzjata mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsilliera Cassar Mejlak stqarret li għal Triq il-Wardija ma kellux patching, meta talbet għal biċċa bis-cement. Is-Sindku talaba biex ma tkomplix tivvinta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

h. Is-Sibt 4 ta' Mejju saret *clean up* mill-gruppi Keep Qala Clean u Nadur Nadif. Il-Post kien fuq ir-riħ tal-Barriera ta' Hondoq. Is-Sindku qal li dak in-nhar inġabar mimli trakk boroż u tyres etc. Hu tenna li illum stess hu mar il-Wasteserv ibattal l-iskart li nġabar dak in-nhar.

ħ. Il-fanali tal-Pjazza waslu u daqt jitwaħħlu.

i. Hu fakkar lill-kamra li l-fanali ta' Pjazza Isqof Mikiel Buttiġieġ ilhom ħafna għandna. Dawn ma twaħħlux qabel ma sar it-tarmak biex ma jsirulhomx ħsara.

ie. Sar inċident fejn tkisser fanal u *bollard* fi *traffic island* ta' patri Ġużepp Portelli. Hu tenna li malli ġie infurmat mar mal-ewwel fuq il-post u r-residenti ta' hemm hekk qaluli li min kisru qed jaħdem ġewwa post ta' kostruzzjoni fil Qala stess u għalhekk hu mar javiċina lil din il-persuna fejn ammetta mal-ewwel li kissru hu. Is-Sindku tallab lil din il-persuna biex jiġi l-kunsill jagħti d-dettalji tiegħu u wiegħed li jħallas. Fl-istess ħin tlabnih imur jagħmel rapport lill-pulizija.

j. Ġie mtenni mis-Sindku li l-librerija hija lesta. Qal li f'email li kien bagħat lill-kunsilliera u nformahom li hu ikkuntattja lill-Ministru għal Għawdex u lis-Segretarju Parlamentari tal-kunsilli u dawn ftehmu bejniethom li d-data li huma disponibbli għall-ftuħ uffiċjali tal-librerija hija l-Ġimgħa 10 ta' Mejju fil-11.30am. Hu qal ukoll li fl-email xtaq ukoll li s-surmast u t-tfal ta' l-iskola jkunu mistiedna f'ħinijiet differenti biex ikunu jistgħu jaraw il-librerija. Is-Sindku qal li huwa sodisfatt ħafna bix-xogħol li sar. L-għamara saret kollha *custom made* u hi kollha *solid wood.* Hu irringrazzja lis-Sinjura Elizabeth Ebejer tal-ħidma tagħha. Xtaq jirringrazzja ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-ħaddiema kollha tal-kunsill għax kollha ħadmu biex tlestiet din il-librerija sabiħa u moderna. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak qalet illi ilha 5 snin biex tlestit pero' s-Sindku qalilha li din kienet ilha sena u nofs. Il-Kunsillier Karl Buttigieg stqarr li l-proċeduri għad-data tal-ftuħ ma kelliex tkun hekk imma bħal ma jsir f'Jum il-Qala, kellu l-ewwel isir ftehim fil-Kunsill dwar data u wara li jiftehmu jinħarġu l-inviti mill-Kunsill. Pero' f'dan il-każ sar bil-kontra u l-Kunsill ġew ippreżentati bid-data lesta. Peress li ma kienx hemm qbil dwar id-data tal-ftuħ, ittieħed vot u b'4 kontra wieħed tas-Sindku, l-ftuħ tal-Librerija kellu jiġi popost għal data oħra. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak reġat fakkret fil-vot ta' 4 kontra 1, li kien ittieħed u li minkejja dan xorta baqa ma sarx il-Belveder żgħir ta' żewġ bankijiet u pots. Is-Sindku reġa tenna li qabel ma jkun hemm ir-railing ma hux se jieħu responsabilita' għaliex jekk iweġġa xi ħadd fejnu se jmorru.

## 86.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**86.5.1**

**Mill-Viċi Sindku Ivan Ċefai**



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

a. Semma r-rapporti li qed jirċievi minħabba li t-trukkijiet għadhom għaddejjin minn Triq il-Mitħna. Fakkar li kif kien intqal mis-Superintendent Hersey kien spjega li dawk it-tabelli qegħdin hemm għalxejn u li l-Bye Law hija l-uniku soluzzjoni u li qed jieħu gost jara li hija mniżżla fuq l-aġenda. Is-Sindku semma li n-nies li joqgħodu Triq il-Mitħna irringrazzjawh għaliex il-Kuntrattur ewlieni li jgħaddi minn hemm naqsilhom ħafna t-traffiku grazzi għalih. Kompla jgħid li meta kien Kunsillier kien għamel kampanja u wara li l-kuntrattur kien ilu tmintax il-sena jopera, beda jidħol u joħroġ minn Triq Wied is-Simar skont il-permess tiegħu li għadu hekk sal-lum. Fakkar ukoll meta hu kien waqqaf wieħed u weħel. Kompliet id-diskussjoni pero' is-soluzzjoni hija dik li ssir Bye Law. Kien hemm qbil unanimu li ssir il-Bye-Law sabiex din id-diverzjoni tingħata saħħa legali.

b. Semma li Hondoq hemm pipes tal-ilma antiki mas-Sis li jkun tajjeb li jitneħħew, kif ukol loħrajn għaddejjin minn ġo l-għelieqi private. Semma wkoll iċ-ċimnija li tagħmel parti mid-distillatur l-antik. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet li kienet saret korrispondenza mal-WSC fejn anka l-Kunsillier Karl Buttiġieġ kien ikkupjat. Is-Sindku semma li ma jridux ineħħuha pero l-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li l-WSC kienu ftehmu mall-Kunsill li għandhom ineħħuha. S-Seg. Eżekuttiv se terġa tibgħat tfakkira lil WSC dwar din it-talba.

c. Semma li jaf li l-Kunsill kien qabel li jsir Monument għall-Vittmi tal-Gwerra, pero' qatt ma kien qabel li jsir monstru ta' Monument. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak żiedet li l-fil-Kunsill qatt ma qbilna fuq dan il-qies. Il-Viċi Sindku semma li din kella titpoġġa l-Kunċizzjoni u qal li hu qatt ma kien ra dan id-disinn qabel. Is-Sindku wieġeb li l-Arċipriet ma riedx li jsir il-Kunċizzjoni u qal ukoll li d-disinn kien urihulhom f'laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak semmiet li s-Sindku kien urha biss qies b'idejh waqt il-laqgħa li kien jindika qies żgħir. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal ukoll li hu fittex fil-minuti u kull fejn kienet issemiet, il-ftehim kien ta' lapida u mhux ta' monument. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ ukoll qal li dan il-Monument ġie wisq kbir u qed jgħatti l-uffiċini tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li mhux lest li jitlaq mill-Kunsill u jgħidu li ħalla dan il-monstru ta' Monument isir. Is-Sindku qal illi hemm wisq kliem li jrid jinkiteb u nkella ma joqgħodx. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak semmiet li dwar l-ismijiet, ma tistax taqbel ma ismijiet mhux kompluti peress li kien hemm miktub etc. etc. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak tablet li trid il-kliem komplut, eżatt x'se jinkiteb. Is-Sindku qal li dak il-kliem se jkun apparti u huma talbu li jarawh qabel ma dan isir. Id-dibattitu kompla dwar il-qis tal-monument. Is-Segretarju Eżekuttiv uriet id-disinn tal-Monument lill-membri kollha u huma qalu li dan huma qatt ma kienu rawh qabel. Is-Sindku kompla jgħid li kien urihom żewġ mudelli u kienu qablu fuqhom, pero huma innegaw unanimament. Talbu lis-Sindku biex jgħidilhom f'liema laqgħa ġie ppreżentat id-disinn. Is-Sindku insista li kien urihom id-disinni u li bilfors ried ikun il-qis li hu biex joqgħod il-kliem kollu. Il-membri kollha qablu li l-monument irid jitnaqqas u l-biċċa ta' isfel trid titneħħa kollha u tibqa biss il-biċċa ta' fuq fejn se ssir il-lapida. Wara li d-diskussjoni tkompliet, ittieħed vot biex jiġi deċiż x'se jsir. Kien hemm 4 voti favur li l-Monument irid jiċċekken u 1 (tas-Sindku) li jibqa kif inhu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Għalhekk ġie deċiż illi l-Monument irid jiċċekken, il-filati tal-ġebel ta' taħt kollha jridu jitneħħew kif ukoll titnaqqas il-ponta ta' fuq sabiex il-Monument jasal sa taħt ir-railing tal-Kunsill.

d. Semma li S-Sindku tella post fuq fb fejn indika t-team il-ġdid u għalhekk talab lis-Sindku jikjarifa għal min kien qed jirreferi. Is-Sindku semma li kien qed jirreferi għas-Seg. Eżekuttiv u l-ħaddiema fl-uffiċċju. Il-Viċi Sindku kompla li kull meta tressqu proġetti quddiem il-Kunsill dejjem ġew approvati u għalhekk staqsa meta tressaq xi proġett u hu vvota kontra jew oġġezzjoni jew għamel bsaten fir-roti. Il-Viċi Sindku qara l-post li kien tela fuq il-paġna tas-Sindku. Is-Sindku qal li dan il-ġudizzju jħallih f'idejn in-nies. Il-Viċi Sindku stqarr li kull meta ressaq proposti għal proġetti ġodda kien hu li sab il-bsaten fir-roti u kompliet id-diskussjoni.

e. Il-Viċi Sindku semma li din din hija l-aħħar laqgħa tiegħu u assigura li ma kinitx deċizzjoni faċli. Irringrazzja lin-nies kollha tal-appoġġ, lill-Onorevoli Ministru Għal Għawdex tal-fiduċja li dejjem ura fih u li kompla jħeġġu biex jerġa jikkontesta pero' irringrazzjah ukoll li fehem il-pożizzjoni tiegħu. Irringrazzja ħafna lis-Segretarju Eżekuttiv, Heidi Grech talli f'din l-aħħar sena kemm ilha fil-kariga, ħassu li huwa jagħmel parti minn dan il-Kunsill.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

a. F'isem ir-residenti u anka l-Kunsill, Irringrazzja lil Viċi Sindku u lil Kunsillier Joseph Buttiġieġ għax-xogħol tagħhom u għal memorji sbieħ li wettqu flimkien.

b. Semma z-Zebra Crossing li kien propona f'Lulju, eżatt wara li bdiet din il-leġislatura u ħames snin ma kinux biżżejjed għax din sa llum għada ma saritx.

c. Semma li hemm bżonn ta' patching li għadu ma sarx. Is-Sindku wieġeb li kien spiċċa l-Cold mix u se jixtara aktar. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak reġgħat fakkret fil-bżonn li jsir ic-cement quddiem tal-anzjani Mercieca.

d. Semma l-bozza ta' ħdejn San Ġużepp li minkejja li weħlet għada ma tixgħelx. Is-Sindku wieġeb li magħha hemm tlieta oħra u qed nistennew li jiġu kkumplikati min naħa tal-Enemalta. Ippropona li ssir bozza oħra ġo sqaq tal-Wardija minħabba li jkun hemm ħafna dlam. Kien hemm qbil li ssir u se nkellmu lil Inġinier dwar dan.

e. Fakkar li s-signs ta mar-roundabout tal-Pjazza, Dun Mikiel Portelli għadhom ma sarux. Is-Sindku wieġeb li se jeħlu.

f. Semma li hemm xi zkuk biex jinqatgħu fi Triq il-Forn. Is-Sindku wieġeb li diġa nqatgħu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

g. Fakkar fit-tabella bl-isem tat-triq il-ġdida Monsinjur Anton Sultana. Semma li din Triq b'isem ġdid li jidher fuq ir-reġistru elettorali u tabella mank waħħalniha. Is-Sindku wieġeb li sid il-propjeta ma riedix teħel mal-post tiegħu u issa sab lil xi ħadd Malti li aċċetta. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ talbu jagħtih data ta meta din se teħel u s-Sindku wieġeb li se teħel din il-ġimgħa.
h. Staqsa jekk il-Wied tal-Marġa kienx tnaddaf u s-Sindku wieġeb li le minħabba li hemm ħafna xogħol madwar il-Qala u mhumiex ilaħħqu. Il-Kunsillier Buttigieg wieġeb li ma nistgħux ninjoraw affarijiet oħra. Talab data meta se jsir u s-Sindku wieġeb li se jsir.
i. Dwar it-tieni kisja ta' tarmak fi triq il-Papa Piu li ssir flimkien ma Triq it-28ta' April kien hu li ipproponija u semma li qeda mnizzla fil-minuti approvati tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku wieġeb li kien hu ġab l-OK biex issir, pero' L-Kunsillier Buttigieg wieġeb li hu dmir ta min ikun għamel l-ewwel passata li jagħmel it-tieni passata. Il-Kunsillier Buttigieg semma li minkejja l-facebook post li tella s-Sindku, l-minuti approvati juru ċar min ipproponi li ssir ma Triq it-28ta' April.
j. Semma li tkun ideja tajba li fid-dog park tiġi kkunsidrata l-possibilta' li jkun hemm entrata oħra minħabba li ma hux sew li l-klieb kbar jridu jgħaddu minn fejn ikun hemm it-tfal jilgħabu biex jaslu fid-dog park. Semma li darba kien hemm tabella biex ma jidħlux klieb ġol-playingfield u fl-istess ħin iridu jgħaddu minn hemm biex jaslu fid-dog park. Is-Sindku semma li hekk kienet il-proposta oriġinali pero MGOZ ma ġabux il-permess għal dan. Kien hemm qbil li nkellmu Perit u nippruaw nagħmlu entrata oħra.
k. Fakkar li minkejja li l-Kunsill nafaq l-eluf ta' ewro, u minkejja li kien hemm qbil li l-Kunsill joħroġ stqarrija dwar il-Fish Farms din sal-lum għada ma saritx. Is-Sindku wieġeb li Dr. Clare Bonello għada ma lestitiex. Il-Kunsillier K. Buttiġieġ qal ukoll li l-istess meta ħareġ ir-riżultat ta' Hondoq u stqarrija mill-Kunsill mank ħarġet u dan kollu biex jieħu l-mertu persuna waħda biss. Semma li din hija nġustizzja kbira għaliex l-eluf tal-ewro tħallsu mill-Kunsill u kull ma sar, sar mill-Kunsill kollu.
l. Staqsa lis-Sindku biex mar Malta meta mar il-Parliament u ta' kumment lil partit partiġġjan. Staqsih jekk marx Malta bit-trukk tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li ma jiftakarx u l-Kunsillier qal li dan ma jistax isir minħabba li hu għandu l-allowance għat-transport. Semma li s-Sindku għandu wkoll l-allowance ta' Sindku kif ukoll il-paga tax-xogħol minħabba li hu ħaddiem tal-gvern insenjat xogħol mal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li huma mdejjqa bis-suċċessi tiegħu.
m. Semma li hu nfurmat li kien hemm obsolete items li ġew approvati mill-Kunsill bħala obsolete u s-Sindku qassamhom lil nies li xtaq hu u dan hu kontra l-liġi. Semma wkoll li ċertu affarijiet wegħdhom lil persuni differenti u li wara l-laqgħa jista jagħti l-ismijiet ta' dawn ir-residenti. Is-Sindku wieġeb li allura huma



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jippreferu li jarmuhom milli jagħtuhom lil ħaddieħor. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li dawn ġew iddikjarati bħala obsolete u allura jekk dawn tqassmu, mela dawn iddikjarhom obsolete biex ikun jista jqassamhom. Is-Sindku wieġeb li dan gideb u ma hu vera xejn u jekk iridu jġibhom lura pero l-Kunsillier insista li l-iżball għamlu hu għax dan illegali.

n. Semma t-tapiti ta' Ġnien il-Familja u jekk inbidlux. Żied li kien hemm flus allokati għal Ġnien Maġistrat Salvu Attard li ġew mħarrka għal Ġnien il-Familja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ma taf xejn b'dawn il-fondi. Il-Kunsillier Buttiġieġ staqsa x'sar minn dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarret li din l-ewwel darba li qed tisma fuqhom. Li taf huwa dwar tender li ħarġet għal playing equipment għal istess Ġnien Maġistrat Salvu Attard. Liema kuntratt qatt ma kien sar u l-equipment ma nxtarax. Hija kompliet li fil-Kunsill ma sabet l-ebda nformazzjoni dwar skema ta' fondi għal playing fields, la Ġnien Maġistrat Salvu Attard u lanqas Ġnien il-Familja. Is-Sindku semma li kien hemm 50elf mid-Development Planning Funds li ma setgħux isiru għal Ġnien Maġistrat Salvu Attard pero' ma ftakarx li kienu ġew mħarrka għal Ġnien il-Familja biex jinbidllu t-tapiti. Żid jgħid ukoll li dan ma sarx minħabba li kien hemm kawża l-qorti minħabba li nbena playing field fuq art privata u l-Kunsill kien ġie mwaqqaf mis-sidien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li se tiċċekja dwar dan u nfurmathom ukoll illi saret applikazzjoni oħra mad-DLG sabiex ningħataw il-fondi għal Ġnien il-Familja. Il-Kunsillier Buttiġieġ semma li s-Sindku kien ħabbar fuq il-paġna tiegħu li ingħatajna €50K mid-DPF u €20K oħra sabiex isir dan il-ġnien.

o. Semma li jkun tajjeb jekk napplikaw għas-siġar taż-żebbuġ taħt l-iskema li ġiet mnegħdija mill-Ministeru. Kien hemm qbil li napplikaw biex isiru fi Ġnien il-Hajja.

p. Semma dwar il-Coffee Morning li se jsir u la qegħdin f'kampanja elettorali mhux etiku li jsir diskors partiġjan fejn jiġu attakkati l-kunsilliera l-oħra u dan f'attivita' mħallsa mill-Kunsill stess. Issuġġerixxa li jew ma jsirx diskors jew kulħadd jingħata ċans jitkellem. Is-Sindku wieġeb li jiddeċiedi aktar tard dwar dan u wara li kompliet id-diskussjoni, l-Kunsillier K. Buttiġieġ ippropona li allura ma jitkellem ħadd minħabba li ma hux ħin opportun. Għalhekk ittieħed vot li kien kif ġej:
Karl Buttigieg, Valerie Cassar Mejlak u Ivan Cefai – Favur li ma jitkellem ħadd
Joseph Buttigieg – Favur li jitkellem kulħadd u l-ħin tiegħu jistgħu joħduh
Paul Buttigieg – Ma jsirx diskors
Rigward ix-xitla, kien hemm qbil li tingħata mill-Kunsill.

q. Kompliet id-diskussjoni dwar is-sub station li kellu jsir fil-Kunċizzjoni. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak staqsiet jekk l-art għadiex hemm fejn suppost li se ssir. Is-Sindku wieġeb li hemm għadha u se jsir it-transformer, bħala post ma hu se jgħid xejn. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li ma hu se jsir fuq l-ebda art imma fuq żewġ arbli fis-squq. Is-Sindku wieġeb li l-istruzzjonijiet huma li ma jgħid xejn.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

r. **Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

a. Irringrazzjat lil Viċi Sindku Ivan Cefai u l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ tax-xogħol tagħhom. Żiedet li xtaqet li kieku ħadmu aktar flimkien pero l-ħbiberija tibqa għal dejjem. Semmiet li ħadmet u siefret flimkien ma Ivan Cefai u l-fatt li mhux se jikkontesta għal elezzjoni hija telfa għal-Qala. Dejjem se jibqa post għal nies bħalhom li verament iħobbu l-Qala.

b. Semmiet li Fr. Charles se jagħlaq 25 sena saċerdot u bħal ma dejjem sar f'din il-leġislatura pproponiet li jkun xieraq li jingħata rigal lil Fr. Charles li huwa saċerdot mill-Qala u kull min kellu bżonn dejjem sabu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan, kif ukoll li dan ir-rigal jingħata minn kulħadd flimkien.

c. Semmiet li minkejja li għandha lista twila ta' x'tista tipproponi, tħoss li jekk tipproponi xi ħaġa tkun qed taħli l-ħin u għalhekk tkompli tinsisti fuq l-affarijiet li suppost saru u tawgura li Kunsill ġdid jaħdem flimkien għal ġid tal-Qala. Semmiet ukoll li din tista tkun l-aħħar laqgħa tagħha u għalhekk irringrazzjat lil kulħadd u talbet skuża jekk xi darba naqset lil xi ħadd minħabba xi deċizjonijiet li kien hemm bżonn li jittieħdu.

**Mill-Kunsillier Joseph Buttiġieġ**

a. Xtaq jirringrazzja lil kulħadd u talab skuża jekk seta weġa lil xi ħadd. Żid li kienu ħames snin intensi pero' sar jaf ħafna aktar lil xulxin mill-qrib. Filwaqt li awgura lill-Kunsilliera sħabu u lill-Kunsill ġdid, huwa stqarr li dejjem se jibqa lest biex jgħin kull fejn ikun hemm bżonn.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-membri kollha għas-servizz tagħhom u awgurat lil dawk il-kunsilliera li għal darba oħra reġgħu qed joffru s-servizz tagħhom għal-leġislatura oħra. Semmiet li minkejja li kien ilha biss sena f'din il-kariga, kienet sena impenjattiva u intensa imma tittama li leġislatura ġdida tkun waħda b'anqas disgwit u aktar ħidma b'risq il-Qala u r-residenti Qalin. Infurmat lill-membri illi huma jibqgħu fil-kariga sal-aħħar ta' Ġunju u għalhekk se tkun qed tinżamm laqgħa oħra fil-bidu ta'Ġunju sabiex jiġu approvati l-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret illi l-minuti ma għandhomx ikunu transcripts imma minuti li jindikaw id-deċizzjonijiet li ttieħdu u għalhekk minn leġislatura oħra, l-minuti se jiġu regolati u miktuba kif suppost. Zgur li ma hux aċċettabli li jkollna minuti li fihom 17-il paġna u dan ma hux se jkompli jsir.

## 86.6 Audited Financial Statements 2023

86.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Audited Financial Statements għas-sena 2023 u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 86.7 Qala International Folk Festival 2024

86.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li il-Kunsill stieden u kkonferma il-grupp li ġej minn Slovenia. Il-Kunsill talab għal aktar fondi mill-MGOZ pero ingħatajna l-istess ammont bħas-sena l-oħra. Kien hemm talba biex jipparteċipaw mingħand grupp folkloristiku bl-isem Gruppo Mastra minn Sqallija, grupp li fih 30 membru. Ġiet ippreżentata l-ispiża proġettata jekk nistiednu liż-żewġ gruppi, liema spiża taqbeż sew l-budget allokat għal din l-attivita'. Għalhekk wara li din il-materja ġiet diskussa, kien hemm qbil illi ma nistiednux lil grupp minn Sqallija biex ma nżidux fl-ispejjeż. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li bi grupp wieħed jitbaxxa l-livell, pero' la finanzjarjament ma nistgħux ma hemmx x'tagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll lill-membri li sa issa jidher li se jipparteċipaw grupp ta' tfal minn Macedonia (ta' Castillo) li huma residenti Malta, kif ukoll possibilment 2 gruppi Spanish Dance minn ġo skola f'Malta, l-Banda tal-Qala, Kevin Borg u Joy Givers. Infurmat ukoll lill membri li wara li ngabru l-kwotazzjonijiet, l-ITS jibqa l-irħas u għalhekk ibbukjajna l-post għal grupp ta' Slovenia.

Ġie diskuss l-ispiża li ntefaq għal-ikel, u l-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li nitkellmu mal-għaqdiet tal-Qala għal-ikel imma tkun ikla tradizzjonali. Kien hemm qbil dwar dan imma qablu wkoll li jħallu d-deċizzjonijiet għal Kunsill il-ġdid.

## 86.8 Bye-Law dwar il-Bajja ta' Hondoq u bye-law dwar l-Aċċess tal-vetturi industrijali minn u lejn il-Barriera.

86.8.1 Ġiet diskussa il-Bye-Law għal bajja ta' Hondoq u tpoġġiet kopja tat-tabella eżistenti li hemm f'Hondoq fuq il-mejda tal-kamra. Fakkret lill-membri dwar il-laqgħa li kienet saret dwar il-ByeLaws bejn il-Ministeru u l-Kunsilli li għandhom il-bajjiet. Li qed jiġi propost huwa li dak li hemm imniżżel fuq it-tabella u oħrajn li jiddeċiedi l-Kunsill jiġu nklużi f'Bye-Law sabiex dawn jkollhom saħħa legali. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa jekk hux qed nirreferu biss għal-bajja fejn hemm ir-ramel biss jew le. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li din tapplika għal-bajja, l-parti tar-ramel, pero hija fid-diskrezzjoni tal-Kunsill ta' x'jiddeċiedi. Is-Sindku semma li ma ninsewx li jsir Hondoq by Night u dak ikun esklużˑ Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ukoll talab kjarifika dwar l-area ta' fejn hemm blat. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi diskussa leġislatura ġdida.

86.8.2 Ġiet diskussa il-Bye-Law għal aċċess ta vetturi industrijali minn u lejn il-Barriera. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jibda jaħdem sabiex ikollna Bye-Law biex tirregola dan it-transport kemm jista jkun malajr. Ġiet diskussa s-sistema ta' aċċess fejn minn Triq il-Mitħna jingħata l-aċċess għal barrieri jekk se jagħti servizz biss. Trukkijiet tan-Najsi u ta' Ġanmarija jgħaddu minn Triq il-Kunċizzjoni u joħorġu minn Triq il-Wileġ u Triq il-Mitħna. Il-Magun u l-kull min imur għandu, jidħol u joħroġ minn Triq Wied Simar. Il-Viċi Sindku Ivan Ċefai issuġġerixxa li tajjeb jekk nieħdu in konsiderazzjoni Triq



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

l-Indipendenza u Triq il-Gebla l-Wieqfa minħabba li qed jgħaddu ħafna minn hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tibda l-proċess sabiex tiġi fformulata din il-Bye-Law.

## 86.9 Hruġ u għoti ta' offerti

86.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-offerta tal-Latrina ma kinitx compliant u se terġa toħroġ kemm jista jkun malajr, minħabba li marbutin b'deadline. Ġie ppreżentat ir-rapport ta' evalwazzjoni hekk kif kien ippreparat mill-bord ta' evalwazzjoni. Kien hemm qbil sabiex is-sejħa terġa toħroġ malajr.

86.9.2 Irċivejna offerta waħda għa Kiri ta' garaxx però l-offerta bi spiza ta' €3000 fis-sena. Il-Budget tal-Kunsill kien għal €7500 għal tlett snin. Ġie ppreżentat ir-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni li jgħid li din hija over budget. Il-Kunsill qabel li din l-offerta ma tiġix aċċettata u terġa toħroġ.

86.9.3 Ġie ppreżentat ir-rapport tal-bord tal-għażla dwar l-akkwist tas-CCTV cameras fejn ukoll l-ebda offerta ma kienet compliant. IS-Segretarju Eżekuttiv semmiet li ltaqat mall-electrician tal-Kunsill sabiex dorna l-areas kollha indikati għas-CCTV u l-possibilta' ta fejn nistgħu nġibu l-elettriku. Jidher li kull ma hemm points ta' elettriku huma f'żewġ postijiet u għalhekk issuġġeriet li s-sejħa toħroġ għal 7 CCTV cameras li jaħdmu bis-solar u 2 li jaħdmu bid-dawl. Kien hemm qbil dwar dan u għalhekk is-sejħa se terġa toħroġ kemm jista jkun malajr.

86.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kellna d-deċizzjoni tal-PCRB dwar l-appell tal-bulky, hekk kif kienet ġiet ċirkulata lill-membri minn qabel. Issa daħal appell il-Qorti Ċivili u għalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jiġi rappreżentat mill-Avukat Dr. Larry Formosa, l-istess avukat li assistina fil-kawża quddiem il-PCRB. Il-Kunsill jaqbel li aħna nimxu fuq id-deċizzjoni tal-Qorti.

86.9.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-evalwazzjoni għal servizz tal-Perit wasal fi tmiemu u kien hemm qbil li nimxu mar-rekommandazzjoi tal-bord tal-evalwazzjoni. Is-Seg Ezekuttiv infurmat lill-membri li saret laqgħa mal-Perit fejn tkellemna fuq proġetti pendenti li ġew diskussi mal-membri. Irċivejna żewġ kontijiet tal-Perit Sultana li jammontaw għal €2845.91 u €6964.36 għal BOQ's li saru dwar il-proġetti tal-Kunċizzjoni u Ġnien il-Familja. Kien hemm qbil li jitħallsu.

## 86.10 Qari tal-Korrispondenza

86.10.1 Irċivejna emejl mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali rigward programm diġitali li jgħin lit-tfal fil-*litracy, Nessy Reading and Spelling* Program. – Ibbukkjat fid-29 t'April 2024.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

86.10.2 Skema "Ġonna fl-Urban" mill-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali – tagħlaq 31 ta'Mejju 2024. Kien hemm qbil li napplikaw għas-siġar biex jitpoġġew Ġnien il-Ħajja.

86.10.3 Emejl mingħand Reġjun Għawdex rigward Sejħa għal proposti ta' ġemellaġġ ta' bliet taħt il-programm taċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri.

86.10.4 Formola ta-ilment – Is-Sur Cilia jixtieq li jitneħħa *double yellow line* li qiegħed quddiem binja mhux mibnija fejn hemm il-blokkok f'Triq Dun Ġużepp Vella. Il-Kunsill issuġġerixxa li naraw ir-raġuni li għalih kien sar oriġinarjament.

86.10.5 Skema SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanazjarja – Lokalitajiet aktar nodfa – tagħlaq 31 ta' Mejju 2024. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw sabiex titnaddaf il-Pjazza San Ġużepp u l-madwar. Għalhekk fuq proposta tas-Sindku u sekondata mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ ġiet iffirmata r-riżoluzzjoni numru 06/24.

86.10.6 Irċivejna emejl fejn qed issir referenza biex titranġa Triq Għajn Haġar li tagħti għal Triq i-Ħażina. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li Triq taċ-Ċawl tingħata prijorità' għax din it-triq tinsab verament fi stat ħażin.

86.10.7 Is-Sur Owen Bonello minn SACES bagħtilna emejl jistaqsi jekk jistax juża' t-Trunċiera bħala post biex issir *Summer Workshop*. Kien hemm qbil sabiex din it-talba tiġi milqugħa.

86.10.8 Irċivejna ittra mingħand il-*Public Contracts Review Board* dwar il-każ tat-Tender QLLC/08/2023 – *Tender for the Collection of Bulky Refuse in an Enviornmentally Friendly Mannar*. Dan il-bord ikkonkluda li ma tilqax l-ittra ta' oġġezzjoni u li id-depożitu imħallas mill-appellant ma jiġix rimborżat.

86.10.9 *Enforcement Notice* rigward sit fi Triq ta' Kassja u Triq il-Wardija, Qala.

86.10.10 JP2 Foundation qed jitlob lill-kunsill biex jingħaqdu flimkien biex issir kunċert. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni għal din l-attivita' bi ħlas ta' mhux aktar minn €200.

86.10.11 Il-Menhir Qala Folk Group talbu sabiex tingħalaq it-triq 28ta' April 1688. Dan sabiex tittella l-attivita' tat-Tieġ l-Antik. Il-Kunsill qabel ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

86.10.12 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħala parti mir-regolamenti tal-Kuntratt mal-Planning Authority, se titwaħħal plakka tal-irħam li turi li x-xogħol ta' pavimentar fi Triq il-Kunċizzjoni sar bil-fondi tal-PA. Is-Sindku qal li se teħel mal-ġebel fil-pjazza. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li mportanti li jekk tkun se teħel ma xi post tal-knisja, nitkellmu ma l-Arċipriet.

86.10.13 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fill-kotba tal-librerija li ġew weeded u li ma nbigħux. Kien hemm qbil unanimu sabiex jinżammu ftit għal ġol phonebooth u l-bqija jingħataw lil NGO's.

86.10.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak fakkret fid-dawl tal-Pjazza biex jixgħel fl-1 ta' Ġunju u jixgħel fil-weekends. Il-membri fakkru wkoll fl-għeluq tal-pjazza li jrid isir mit-28ta'Ġunju sal-aħħar ta' Settembru. Fakkru wkoll fil-bżonn li jsir spray ta' kontra l-insetti fil-madwar tal-Pjazza.

86.10.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-fondi dovuti mill-LESA lill Kunsill għal perjodu ta' bejn 2019-2023 inġabru kollha.

86.10.16 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li nġabru l-kwotazzjonijiet għal:

a. Pressure Washer sabiex jinxtara bħala parti mill-Iskema SPI/SCI 03/2024 - €1750
b. Black Street signs fuq disinn modern - €560.50
c. Trimming tas-Siġar tal-Palm - €106.20
d. Vests u Raincoat
e. 2 office chairs għal-iskrivani u 1 għal-librar - €390
f. 2 Tub chairs sofor għal ġol-librerija pubblika - €590

Kien hemm qbil unanimu li nimxu mal-aktar offerti vantaġġjużi.

86.10.17 Ġie maqbul li nqabbdu lis-Surveyor John Paul sabiex jimmarka eżatt l-post ta' fejn trid tkun iz-zebra crossing skont l-approval ta' Transport Malta.

86.10.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li rċivejna żewġ applikazzjonijiet għal-vakanza ta' Handyman part -time. Kien hemm qbil sabiex il-bord tal-għażla jkun iffurmat mil-Accountant John Buttiġieġ jew L-Avukat Jonathon Mintoff u mid-Direttur Mark Formosa, flimkien mas-Sindku. Kien hemm qbil ukoll li jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill għal-ħaddiema tac-CIES tkun milqugħa, jsiru wkoll l-interviews għalihom. L-bord tal-għażla jibqa l-istess wieħed.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

86.10.19 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-isqaqin li għalihom kien hemm qbil li napplikaw taħt l-iskema tal-Ministeru għal Għawdex ma humiex reġistrati u allura ma stajniex napplikaw għalihom.

## 86.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

86.11.1 Ġew ippreżentati l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 05/2024 għal perjodu ta' bejn il-26 ta' Marzu 2024 u t-5ta' Mejju 2024 li tammonta għal €43,064.93. Il-Kunsill approva unanimament Skeda numru 05/2024.

Ġiet ippreżentata u unanimament approvata kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xhur ta' Marzu u April 2024 sad-data tal-lum.

## 86.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

86.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.45pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju fl-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt